# IL-PULIZIJA

Marzu 2023 · Vol 30 · Nru 1




PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS

NEWSPAPERPOST

BOV

Bank of Valletta

# SER TIXTRI DAR?

## APPLIKA ONLINE




02

Tella' d-dokumenti




03

Applika

01

Ġib stima




04

Sid ta' darek



KELLIMNA

bov.com/homeloans | @bovofficial

Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-Bank of Valletta. It-terminu tas-self ma jistax jaqbeż l-età tal-irtirar. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija regolata mill-MFSA u liċenzjata biex toffri l-Kummerċ Bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).

# Werrej


**04** **Il-Messaġġ**
Tal-Kummissarju

**08** **It-tiġdid tas -Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**
Mill-Ispettur Mario Cuschieri

**13** **X'inhi l-pressjoni tad-demm?**
Minn Dr. Charlene Tonna

**14** **Mill-Uffiċċju Legali**
Minn Dr. Lynn Schembri

**17** **Sistema Ġdida tal-Automated Fingerprint Identification System (AFIS), fil-Laboratorju tal-Forensika**

**18** **Trobbija Pożittiva**
Employee Support Programme

**21** **Police Officers Union**
Minn Steve Spiteri

**22** **Apprezzamenti**
Mingħand il-Komunità

**25** **Paġna tal-Isports**
Avvenimenti Sportivi

**26** **International Police Association**

**28** **Pensjonanti**
Kitba ta' Martin Pace

**30** **Obitwarju**


# Editorjal

Għaddew ftit iżjed minn xahrejn mill-ġurnata storika tal-bidla fl-uniformi u bejn għax il-ġranet tagħna impenjattivi wisq u bejn għax il-kumdità tindera malajr, meta nħares lura kważi kważi xahrejn jidhru ftit, nistħajjel li ilna iżjed!
U kif qed insemmu l-ġranet impenjattivi, f'din il-ħarġa inkludejna artiklu kemxejn twil, pero importanti, rigward it-tiġdid tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (is-SIS-Recast). Dan l-artiklu jispjega fid-dettall ir-raġuni li riċentament kellna ġurnata ta' xogħol mingħajr aċċess għas-sistema tal- NPS, minħabba li kienet qed tiġi aġġornata s-sistema għal din l-upgrade. L-artiklu jagħti informazzjoni dwar x'hemm ġdid li jista' jgħinna iżjed fl-operat ta' kuljum tagħna.

Imma l-ħajja tagħna tmur oltre mill-ġurnata tax-xogħol u sforz il-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu, il-wellbeing għandu iżjed minn qatt qabel ikun fuq nett tal-prijoritajiet tagħna u għal din ir-raġuni f'kull edizzjoni qed ikollna bilanċ bejn l-artikli relatati mal-ħidma tagħna u dawk relatati mal-ħajja tagħna 'il barra mix-xogħol. Qed nirreferi b'mod partikolari għall-artikli mingħand it-tabiba u mill-ESP li jtuna pariri siewja fuq kif għandna nieħdu iżjed ħsieb is-saħħa fiżika u mentali tagħna flimkien mar-relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarna.

Il-Ħidma t-Tajba u Ħu Ħsiebek!
Rodienne Bartolo Haidon
Editur

# Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana

**Fotografija**
PC 920 - Clive Pace





*Ritratt mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni*


**Nota ta' ringrazzjament**
Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, FRN 1530 jew *magazine.police@gov.mt*

**Disinn u Riklamar**

ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com

Stampar
GUTENBERG PRESS

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju

**Anqas Kriminalità... Aktar Fiduċja**




Kif igerbeb iż-żmien! Filli qed niċċelebraw il-Milied u filli ġa ninsabu fi tmiem l-ewwel kwart tas-sena 2023.

Iżda ppermettuli mmur ftit lura lejn tmiem is-sena 2022 u l-bidu ta' din is-sena. Kien ta' privileġġ u unur għalija li niltaqa' ma' bosta minnkom waqt ir-riċevimenti marbuta mal-festi tal-Milied u l-bidu tas-sena l-ġdida. Kien perjodu fejn, wara sentejn ta' pandemija, kelli l-opportunità niltaqa' magħkom f'ambjent informali u festiv filwaqt li nsir nafkom aħjar.

Iċ-ċirasa fuq il-kejk kienet il-laqgħa tradizzjonali mal-membri rtirati fl-ewwel Ħadd tas-sena li sfortunatament kellna wkoll naqbżuha għal sentejn sħaħ kaġun tal-COVID. Ma nixba' qatt nisma' r-rakkonti ta' sħabna l-membri rtirati u bħalma għamlu huma, inħoss li għandna obbligu li nħallu Korp tal-Pulizija aħjar milli sibnieh lil dawk ta' warajna.

Proprju fil-bidu ta' din is-sena, waqt konferenza tal-aħbarijiet, ħabbarna kif matul is-sena 2022 il-Korp tal-Pulizija kiseb riżultati pożittivi ferm, saħansitra fost l-aħjar riżultati matul l-aħħar 25 sena u dan minkejja l-isfidi li qed naffaċjaw f'dinja fejn mhux biss hija kkaraterizzata minn tibdil kontiwnu imma saħansitra tibdil kumpless u ambigwu.

Filwaqt li b'ebda mod ma rrid li tingħata xi impressjoni li pajjiżna huwa xi utopja għax fl-aħħar mill-aħħar ebda pajjiż ma huwa utopja, l-istatistika tirriafferma li pajjiżna huwa fost l-aktar pajjiżi sikuri fid-dinja.

U iva, filwaqt li jkollok ċertu każijiet li jiskossjaw lis-soċjetà, fl-aħħar xhur komplejna naraw kif it-tħaddim ta' strateġija bbażata dejjem aktar fuq l-interpretazzjoni tad-data, l-intelligence-led policing, qed tħalli l-frott mixtieq f'dik li hija prevenzjoni tal-kriminalità li llum il-ġurnata qed nagħtuha importanza daqs jew saħansitra aktar mill-investigazzjonijiet tar-reati.

Sodisfatt ferm nara li, kontra kull tbassir, is-sena l-oħra naqqasna r-rata ta' kriminalità f'pajjiżna b'aktar minn 5% fuq is-sena ta' qabel. Tajjeb ngħidu li, taqta' barra l-2020 (is-sena tal-COVID), ir-rata ta' kriminalità f'pajjiżna s-sena l-oħra (ftit anqas minn 15,000) kienet lanqas waħda fl-aħħar għaxar (10) snin u hija ferm anqas minn, pereżempju fl-2005 f'liema sena kien hemm aktar minn 18,000 rapport u dan meta l-popolazzjoni Maltija kienet ferm anqas mil-lum, meta t-turiżmu f'pajjiżna kien f'livelli anqas minn tal-lum, u meta n-numru ta' barranin f'pajjiżna kien bil-bosta anqas.

Aktar minn hekk, kieku wieħed kellu jqabbel ir-rata ta' kriminalità mal-popolazzjoni fil-pajjiż isib li, apparti s-sena anomala tal-COVID (2020), is-sena 2022 rreġistrat l-anqas ammont ta' reati per capita u cioè 28 reat għal kull 1000 persuna. Biex nagħmlu paragun, fl-2005 kienu ġew reġistrati 46 reat għal kull 1000 persuna, żieda ta' 64% aktar kumparat mas-sena 2022!




Reat li jissemma' ħafna huwa s-serq. It-total ta' serq irrappurtat f'pajjiżna s-sena l-oħra kien ta' 4612, it-tielet lanqas rata ta' serq irrappurtata f'pajjiżna fl-aħħar 25 sena. Proprju l-anqas sentejn kienu s-sentejn preċedenti, l-2021 b'4478 rapport u l-2020 (is-sena tal-COVID) b'4578 rapport. Għaxar snin ilu l-ammont ta' serq f'pajjiżna kien jammonta għal 8700, id-doppju tal-ammont irreġistrat is-sena l-oħra, filwaqt li fl-2004 kienu ġew irreġistrati madwar 11,500 rapport ta' serq, kważi tliet darbiet aktar mir-rata rreġistrata s-sena l-oħra.

L-istess argument japplika għal Għawdex. Tajjeb jingħad li s-sena l-oħra f'Għawdex ġew irrappurtati total ta' 199 rapport ta' serq. Din ukoll hija t-tielet l-anqas rata ta' serq fil-gżira Għawdxija fl-aħħar 25 sena u proprju l-aħjar sentejn kienu s-sentejn preċedenti; fl-2021 irċevejna 182 rapport u fl-2020 (is-sena ta-COVID) kellna 192 rapport ta' serq f'Għawdex.

X'messaġġ joħroġ minn dawn il-figuri? Minkejja ż-żieda li rajna fil-popolazzjoni u minkejja ż-żidiet li rajna kemm ta' turisti kif ukoll ta' ħaddiema barranin, u allura minkejja ż-żieda tal-opportunitajiet għas-serq, grazzi għall-impenn ta' kull wieħed u waħda minnkom u għas-sinerġiji mħaddma bejn is-Central Intelligence & Analysis Unit, il-Pulizija tad-Distrett, il-membri tal-Community Policing, kif ukoll dawk mill-iskdwadri speċjalizzati, l-aktar id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali f'dan il-każ, irnexxielna nipprevjenu ħafna minnu.



Mill-banda l-oħra, is-sena l-oħra komplejna naraw evoluzzjoni ta' reati f'dinja virtwali. Komplejna nesperjenzaw żidiet fil-frodi onlajn kif ukoll fil-computer crime fejn minn żewġ rapporti fl-2002, is-sena l-oħra rċevejna 470 rapport, żieda ta' 40% fuq is-sena ta' qabel.

Kien għalhekk li fl-aħħar xhur komplejna nistabbilixxu jew insaħħu sezzjonijiet fil-Korp bl-għan li l-investigazzjonijiet tagħna f'dawn is-setturi jkunu aktar professjonali mmexxija minn speċjalisti fl-oqsma rispettivi. Waqqafna unit speċifiku għall-online fraud, filwaqt li komplejna nsaħħu s-Cyber Crime Unit kif ukoll il-Blockchain Analysis Unit li b'wiċċi minn quddiem ngħid li l-Korp tal-Pulizija Malti huwa pijunier f'dan il-qasam.

Iżda apparti t-tnaqqis fil-kriminalità, stħarriġ magħmul mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) s-sena l-oħra rriafferma r-riżultati pożittivi tal-Eurobarometer Survey, tant li l-istħarriġ tal-NSO wera kif 90% tal-poplu Malti u Għawdxi jafda lill-Korp tal-Pulizija.




Dawn ix-xejriet pożittivi ma jiġrux b'kumbinazzjoni u aktar minn qatt qabel illum konxju kemm fil-Korp tal-Pulizija għandna uffiċjali b'ħeġġa kbira, uffiċjali entużjasti li jkunu ta' servizz u fuq kollox uffiċjali motivati u kburin li jagħmlu parti mill-Korp tal-Pulizija.

U allura, jekk nixprunaw sew il-mission statement tal-Korp naraw kif ġurnata wara l-oħra qed nonorawha tant li llum pajjiżna huwa fost l-aktar pajjiżi siguri (l-anqas rata ta' kriminalità per capita f'25 sena), kemm it-taħriġ li jingħata lill-membri tal-Korp magħġun ma' policies u l-esperjenzi li tħaddnu intom il-membri tal-Korp qed iwasslu għal servizz aktar professjonali u fdat (l-aħjar rata ta' fiduċja tal-Eurobarometer survey sa mill-2008) u kif fl-aħħar mill-aħħar, aktar minn qatt qabel illum qed nirrikonoxxu li biex inkunu effettivi f'xogħolna rridu naħdmu aktar fi sħubija mal-komunitajiet tagħna.

Ta' dan inroddilkom ħajr minn qalbi.

DOMINE DIRIGE NOS


WE'RE STRONGER TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# It-Tiġdid tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen



Mill-Ispettur Mario Cuschieri
- International Relations Unit

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni wżata għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Ewropa. Mill-1995, is-sistema għenet lill-awtoritajiet kompetenti Ewropej jippreservaw is-sigurtà fl-Ewropa fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

Is-SIS tgħin lil dawn l-awtoritajiet billi tipprovdihom b'data fuq persuni u ċerti tipi ta' oġġetti neċessarji għall-kontrolli fil-fruntieri u fit-territorju. Dawn il-persuni u l-oġġetti jistgħu jkunu lokalizzati fi kwalunkwe post fl-UE u fiż-żona Schengen matul kontrolli tal-fruntiera, tal-pulizija jew kontrolli legali oħra.  Infatti, is-SIS hija wżata mill-awtoritajiet tal-fruntieri, tal-immigrazzjoni, tal-pulizija, tad-dwana u ġudizzjarji fl-UE u fil-pajjiżi assoċjati ma' Schengen. Fl-2013, ġiet introdotta t-tieni ġenerazzjoni tas-SIS (SIS II), b'funzjonalitajiet addizzjonali, bħall-possibbiltà li jiżdiedu l-marki tas-swaba' u r-ritratti mal-allerti.

Fl-2023, is-SIS se tiġġedded b'allerti ġodda, data aġġornata u funzjonalitajiet imtejba.

**Kif taħdem?**

Kwalunkwe allert imdaħħal fis-SIS minn pajjiż wieħed (eż. Malta) isir disponibbli f'ħin reali fil-pajjiżi l-oħra kollha li jużaw is-SIS, sabiex l-awtoritajiet kompetenti f'dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jsibu l-allert.  Is-SIS tikkonsisti minn sistema ċentrali u minn sistemi nazzjonali tas-SIS fil-pajjiżi kollha li jużaw is-SIS.

Kull pajjiż li juża s-SIS huwa responsabbli għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema u l-istrutturi nazzjonali tiegħu. L-Aġenzija tal-UE għal sistemi tal-IT fuq skala kbira (eu-LISA) hija responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-sistema ċentrali u n-network. L-Awtoritajiet Maltin jikkooperaw mil-viċin mal-Aġenzija kull fejn ikun neċessarju u jipparteċipaw attivament fl-attivitajiet organizzati minnha.

Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għas-superviżjoni ġenerali, l-evalwazzjoni tas-sistema, u l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati dwar kif jaħdmu s-SIS u s-SIRENE. Il-Kummissjoni Ewropea toffri assistenza finanzjarja lill-Pajjiżi Membri dwar proġetti relatati mat-tiġdid tas-SIS.  Pereżempju, l-Awtoritajiet Maltin irċevew €1,227,000 għal proġetti biex jiġġeddu s-sistemi nazzjonali tas-SIS u tal-kommunikazzjoni ta' informazzjoni supplementari mal-uffiċċji SIRENE fil-pajjiżi l-oħrajn in vista tat-tiġdid previst f'Marzu 2023[1].

### Pajjiżi u Aġenziji tal-UE li jużaw is-SIS

Is-SIS hija operattiva fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen (l-Iżvizzera, in-Norveġja, il-Liechtenstein u l-Iżlanda).

Il-Europol ingħatat aċċess għall-kategoriji kollha ta' allerti fis-SIS u f'Marzu 2021 bdiet tiskambja informazzjoni supplimentari ma' pajjiżi dwar allerti relatati ma' reati li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha speċjalment dwar reati terroristiċi. It-timijiet operazzjonali tat-timijiet operattivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ngħataw aċċess għas-SIS għall-fini li jwettqu l-kompiti tagħhom fil-hot spots.




### Funzjonalitajiet tas-SIS imġedda, minn Marzu 2023

L-awtoritajiet kompetenti (inklużi dawk Maltin) ser ikollhom il-possibilità li jikkondividu kategoriji ġodda ta' allerti u aktar data fl-allerti, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm informazzjoni aktar kompluta u aktar affidabbli disponibbli għall-awtoritajiet f'pajjiżi li jużaw is-SIS.

Is-SIS se jkun fiha ċerti tipi ta' bijometrija biex permezz tagħhom tiġi kkonfermata u vverifikata l-identità tal-persuni rreġistrati fis-sistema. Il-marki tas-swaba', il-marki tal-pala tal-id, it-traċċi tas-swaba' u t-traċċi tal-pala tal-id jintużaw għal tfittxijiet bijometriċi permezz ta' **sistema awtomatizzata** fis-SIS u għall-verifika dwar jekk persuni imwaqqfin mill-awtoritajiet għandhomx alert fis-SIS. Inoltre, rekords tad-DNA ser inkunu inklużi fir-rigward ta' persuni neqsin.
Is-SIS għadha ma tużax teknoloġija ta' rikonoxximent tar-ritratti u tal-immaġni tal-wiċċ.

### Ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità

Permezz tas-SIS imġedda, l-awtoritajiet kompetenti ser jikkondividu aktar informazzjoni dwar persuni u oġġetti involuti f'attivitajiet relatati mat-terroriżmu, u tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jsegwu u jipprevjenu reati terroristiċi. Ser ikun hemm ukoll allerti ibbażati biss fuq marki tas-swaba / pala tal-id ta' awturi mhux magħrufa ta' atti terroristiċi jew reati oħra serji.

Inoltre, ġie nnegozjat regolament ġdid li jippermetti lill-Europol tipproponi li l-pajjiżi li jużaw is-SIS idaħħlu allerti dwar terroristi u kriminali suspettati fis-SIS abbażi ta' informazzjoni minn pajjiżi mhux tal-UE. Il-Pajjizi Membri, il-Kummissjoni Ewropea u Europol bdew jaħdmu dwar l-implimentazzjoni tal-allert il-ġdid.

### Persuni vulnerabbli

Is-SIS imġedda ser tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jinkludu data addizzjonali meta jdaħħlu fis-sistema **allerti dwar persuni neqsin**. L-awtoritajiet kompetenti ser ikun jistgħu wkoll idaħħlu allerti preventivi fis-sistema biex jipproteġu ċerti kategoriji ta' persuni vulnerabbli bħal pereżempju allerti dwar tfal f'riskju ta' ħtif minn ġenituri jew minn terzi, jew f'risku ta' traffikar.

### Migrazzjoni irregolari

Is-SIS imġedda ser tkun tinkludi wkoll allerti bbażati fuq **deċiżjonijiet ta' ritorn** biex jittejjeb l-infurzar effettiv ta' dawn id-deċiżjonijiet. Il-pajjiżi jridu jdaħħlu **allerti dwar rifjut ta' dħul jew soġġorn** dwar persuni li jinstabu li qed joqogħdu fl-UE illegalment u li huma soġġetti għal projbizzjonijiet fuq id-dħul maħruġa f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

### Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-vetturi estiża għar-reġistrazzjoni tad-dgħajjes, l-inġenji tal-ajru u l-armi tan-nar

Is-servizzi nazzjonali responsabbli għar-**reġistrazzjoni ta' dgħajjes, inġenji tal-ajru u armi tan-nar** ser ikunu jistgħu jikkonsultaw is-SIS sabiex jivverifikaw l-istatus legali tal-oġġetti ppreżentati lilhom għar-reġistrazzjoni.

• Is-servizzi tar-reġistrazzjoni tad-dgħajjes ser ikollhom aċċess biss għal allerti tas-SIS dwar id-dgħajjes u l-magni tad-dgħajjes.

• Is-servizzi ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru ser ikollhom aċċess biss għal allerti dwar inġenji tal-ajru u magni tal-inġenji tal-ajru.

• Is-servizzi tar-reġistrazzjoni tal-armi tan-nar ser ikollhom aċċess biss għal allerti għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew ta' estradizzjoni, allerti għal verifiki diskreti, ta' investigazzjoni u speċifiċi u allerti dwar armi tan-nar għal qbid jew użu bħala evidenza.

### Tħaris tad-data personali imdaħħla fis-SIS

Is-SIS għandha rekwiżiti stretti dwar il-kwalità u l-protezzjoni tad-data. Il-pajjiż li jdaħħal l-allert ikun responsabbli għall-kontenut tiegħu u għandu jiżgura li d-data tkun preċiża, aġġornata, u mdaħħla u maħżuna legalment.

**L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data** jissorveljaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, filwaqt li l-**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data** jimmonitorja kif ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data qed jiġu applikati fis-sistema ċentrali ġestita mill-eu-LISA u mill-Aġenziji Ewropej.

Persuna għandha d-**dritt li titlob aċċess** għad-data li hemm dwarha fis-SIS. Billi taċċessa d-data, il-persuna tista' tiżgura li dak kollu maħżun dwarha jkun preċiż u mdaħħal legalment. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-persuna għandha d-**dritt li titlob korrezzjoni jew tħassir**.

Għal aktar informazzjoni ġenerali dwar is-SIS, x'data tikkontjeni u stejjer dwar l-użu tas-sistema, żur is-sit tal-Kummissjoni Ewropea: https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/schengen-borders-and-visa/schengen-information-system_mt

Filwaqt li għal aktar informazzjoni dwar id-drittijiet ta' aċċess għad-data personali tiegħek fis-SIS ikkonsulta l-gwida fuq is-sit https://idpc.org.mt/for-individuals/exercise-your-rights-for-sis-ii/
*Nota: Dan l-artiklu huwa bbażat fuq informazzjoni miksuba mill-websajt tal-Kummissjoni Ewropea.*

**Internal Security Fund (Borders and Visas) 2014-2020**
This project is financed by the European Union
Co-financing rate: 100% EU Funds
**Sustainable Management of Internal Security**

# SIG MCX MODULAR RIFLE

## AHEAD OF THE COMPETITION



**SIG MCX SPEAR LT**
**5.56X45MM NATO 11.5" OR 16" BARREL**



**SIG MCX SPEAR LT**
**7.62X39MM NATO 11.5" OR 16" BARREL**



**SIG MCX**
**5.56X45MM NATO 11.5" OR 14.5" BARREL**

SIG SAUER'S MCX platform has evolved into the best rifle system in the world through extensive testing, continued innovation and end-user feedback. Through its introduction of the MCX-Spear LT, which takes durability and reliability to a whole new level, SIG SAUER has once again set the bar for modular firearms technology. The MCX range is now also chambered in 7.62x39, 300BLK, 7.62x51 and 6.8x51.

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Armoury**
Phoenix Business Centre, 23, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091/ 7906 0129
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com



DAVID'S BAKERY GOZO

Delicious LENT & EASTER Confectionery

WITH A UNIQUE COMBINATION OF MASTER BAKERY SKILLS AND UNRELENTING PASSION
WE PROUDLY CREATE TRADITIONAL LENT & EASTER TREATS THAT ARE SIMPLY IRRESISTIBLE!!!!

AVAILABLE FROM SUPERMARKETS, GROCERY STORES AND OTHER OUTLETS IN MALTA AND GOZO 2155 5655 info@davidsbakerygozo.com

# X'inhi l-pressjoni tad-demm?



Minn Dr. Charlene Tonna
- MI Room

Il-pressjoni tad-demm hija l-forza tad-demm li timbotta kontra l-ħitan tal-arterji. Kull darba li qalbek tħabbat din tippompja d-demm fl-arterji. Il-pressjoni tad-demm hija l-ogħla meta qalbek tħabbat. Din tissejjaħ pressjoni sistolika. Meta qalbek tkun mistrieħa, bejn taħbit, il-pressjoni tad-demm tonqos. Din tissejjaħ pressjoni dijastolika. Il-qari tal-pressjoni tad-demm juża dawn iż-żewġ numri. Normalment in-numru sistoliku jiġi qabel jew 'il fuq min-numru dijastoliku. Pereżempju, 120/80 tfisser sistolika ta' 120 u dijastolika ta' 80. Dan huwa l-qari ta' kif għandha tkun il-pressjoni normalment.

Nies bid-dijabete jew mard kroniku tal-kliewi għandhom iżommu l-pressjoni tad-demm taħt 130/80. Pressjoni għolja normalment ma jkollha l-ebda sintomi. Allura l-uniku mod biex issir taf jekk għandekx huwa li tikseb kontrolli regolari tal-pressjoni tad-demm mit-tabib tiegħek.

### Min hu f'riskju għal pressjoni tad-demm għolja?

Kulħadd jista' jiżviluppa pressjoni tad-demm għolja, iżda hemm ċerti fatturi li jistgħu jżidu r-riskju tiegħek:

**Età** - Il-pressjoni tad-demm għandha tendenza li tiżdied bl-età.

**Razza/Etniċità** - Il-pressjoni tad-demm għolja hija aktar komuni fl-adulti Afrikani Amerikani.

**Piż** - Nies li għandhom piż żejjed jew obeżità huma aktar probabbli li jiżviluppaw pressjoni tad-demm għolja.

**Sess** - Qabel l-età ta' 55, l-irġiel huma aktar probabbli min-nisa li jiżviluppaw pressjoni tad-demm għolja. Wara l-età ta' 55, in-nisa huma aktar probabbli mill-irġiel li jiżviluppawha.

**Stil ta' Ħajja** - Ċerti drawwiet ta' stil ta' ħajja jistgħu jgħollu r-riskju tiegħek għal pressjoni tad-demm għolja, bħal tiekol wisq sodju (melħ) jew mhux biżżejjed potassju, nuqqas ta' eżerċizzju, tixrob wisq alkoħol, u t-tipjip.

**Storja tal-familja** - Storja tal-familja ta' pressjoni tad-demm għolja tqajjem ir-riskju li tiżviluppa pressjoni tad-demm għolja.

### Kif tista' tgħin biex tipprevjeni l-pressjoni tad-demm għolja?

**Tiekol dieta sana** - Biex tgħin timmaniġġja l-pressjoni tad-demm tiegħek, għandek tillimita l-ammont ta' sodju (melħ) li tiekol u żżid l-ammont ta' potassju fid-dieta tiegħek. Huwa importanti wkoll li tiekol ikel b'inqas xaħam, kif ukoll ħafna frott, ħaxix, u qamħ.

ikompli f'paġna 14



ikompli minn paġna 13

**Eżerċizzju regolari** - L-eżerċizzju jista' jgħinek iżżomm piż b'saħħtu u tnaqqas il-pressjoni tad-demm. Għandek tipprova tagħmel eżerċizzju aerobiku ta' intensità moderata mill-inqas sagħtejn u nofs fil-ġimgħa, jew eżerċizzju aerobiku ta' intensità qawwija għal siegħa u 15-il minuta fil-ġimgħa. Eżerċizzju aerobiku, bħal mixi mgħaġġel, huwa kwalunkwe eżerċizzju li fih qalbek tħabbat aktar u tuża aktar ossiġnu mis-soltu.
**Li tkun f'piż b'saħħtu** - Il-piż żejjed jew l-obeżità iżid ir-riskju tiegħek għal pressjoni tad-demm għolja. Iż-żamma ta' piż b'saħħtu jista' jgħinek tikkontrolla l-pressjoni tad-demm għolja u tnaqqas ir-riskju tiegħek għal problemi oħra tas-saħħa.
**Li tillimita l-alkoħol** - Tixrob wisq alkoħol jista' jgħollilek il-pressjoni. Iżid ukoll kaloriji żejda li jistgħu jikkawżaw żieda fil-piż. L-irġiel m'għandux ikollhom aktar minn żewġ xarbiet kuljum, u n-nisa waħda biss.
**Tpejjipx** - It-tipjip tas-sigaretti jgħolli l-pressjoni u jpoġġik f'riskju ogħla għal attakk tal-qalb u puplesija.
**Naqqas l-istress** - Li titgħallem kif tirrilassa u timmaniġġja l-istress jista' jtejjeb is-saħħa emozzjonali u fiżika tiegħek u jbaxxi l-pressjoni għolja. It-tekniki tal-ġestjoni tal-istress jinkludu l-eżerċizzju, is-smigħ tal-mużika, l-iffukar fuq xi ħaġa kalma jew paċifika, u l-meditazzjoni.

Jekk diġà għandek pressjoni tad-demm għolja, huwa importanti li tevita li tmur għall-agħar jew tikkawża kumplikazzjonijiet. Għandek tieħu kura medika regolari u ssegwi l-pjan ta' trattament preskritt lilek. Il-pjan tiegħek se jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar drawwiet ta' stil ta' ħajja tajba għas-saħħa u possibilment mediċini.

# Mill-Uffiċċju Legali



Minn Dr. Lynn Schembri
– Junior Legal Officer

Diversi uffiċjali tal-Pulizija tad-distrett ilhom jaffaċċjaw sitwazzjonijiet fejn sid il-kera jagħmel rapport kontra l-inkwilin rigward il-kuntratt jew il-ftehim tal-kiri. Ir-rekwiżiti legali għal ftehim ta' kera validu jinkludu obbligi kemm għall-inkwilin, kif ukoll għas-sid tal-propjetà. Madanakollu, meta din l-okkorrenza tiġi rrapurtata, il-Pulizija m'għandhiex tanalizza l-mertu jew il-validità tal-kuntratt. Spiss, is-sidien tal-propjetà ifittxu l-għajnuna tal-Pulizija biex iġġiegħel lill-inkwilin iħallas il-kera jew sabiex l-inkwilin jitkeċċa mill-propjetà. F'dawn il-każijiet, il-Pulizija m'għandhiex tintervjeni u ma tistax tkeċċi lill-inkwilini mill-propjetà. Kwalunkwe rapport bħal dan għandu jiġi mniżżel bħala 'każ ta' natura ċivili' mingħajr ebda azzjoni ulterjuri.



Hemm sitwazzjonijiet fejn l-uffiċjali tal-Pulizija jistgħu jiġu involuti f'tilwima li tinvolvi kirja. Meta sid il-kera jirrapporta serq jew ħsara volontarja lill-propjetà nnifisha jew xi oġġett ġewwa l-propjetà, il-Pulizija għandha mbagħad tinvestiga u jekk ikun meħtieġ toħroġ l-akkużi. Barra minn hekk, kif stabbilit fl-Artikolu 85(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-pretensjonijiet iqumu jekk l-inkwilin jew is-sid jiddeċiedi li jibdel is-serratura fuq il-propjetà tal-kiri mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra. Kuntratt tal-kera jipprojbixxi kemm lis-sid tal-propjetà u kemm lill-inkwilin milli jibdel xi serraturi fi kwalunkwe ħin. Huwa f'dan il-każ fejn il-Pulizija jistgħu jieħdu azzjoni.

# AKTAR FAĊLI GĦALIK
# MAKING IT EASIER

Dawn huma l-oġġetti li tista' tieħu fir-Roadshow Truck.

**These are the items you can take to the Roadshow Truck.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħwejjeġ<br>Clothes | Plastik<br>Plastic | Metall<br>Metal | Żejt tat-tisjir<br>Cooking oil |
| Bozoz u tubi<br>Light bulbs & neon tubes | Vażetti u fliexken tal- ħġieġ<br>Glass bottles & jars | Karta u kartun<br>Paper & Cardboard | Batteriji żgħar<br>Household batteries |
| Basktijiet u żraben<br>Bags & shoes | Polystyrene | Borom u taġnijiet<br>Pots & pans | |
| Żebgħa u solventi<br>Paints & solvents | Bottijiet tal-ispray<br>Aerosol sprays | Apparat elettroniku żgħir<br>Small electronic devices | |




wsm.com.mt/roadshow | 8007 2200

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE


enemed
POWERING YOUR DRIVE
National Distribution Centre
Triq il-Mina tal-Ħażna tal-Fjuwil
Ħas-Saptan, Għaxaq GXQ 1260
+356 2220 8000
info.enemed@enemed.com.mt
enemed.com.mt


NEW
RENAULT
CLIO
a seductive supermini
5-year warranty or 100,000km
ARKANA
CAPTUR
ZOE E-TECH 100% ELECTRIC
KIND'S
AUTO SALES LTD
Mosta Road, Lija, Malta. Tel: 21433601
Mgarr Road, Xewkija, Gozo. Tel: 21550962
Email: sales@autosales.com.mt
Kind's | www.autosales.com.mt
acim

# Sistema Ġdida tal-Automated Fingerprint Identification System (AFIS), fil-Laboratorju tal-Forensika

Mill-uffiċċju tal-proġetti

Fondi Ewropej oħra miksuba mill-Korp tal-Pulizija taħt il-fond tal-Internal Security Fund (ISF - Police Cooperation) ġew utilizzati sabiex id-Dipartiment tal-Forensika jixtri sistema ġdida tal-Fingerprinting, magħrufa bħala AFIS. Bil-preċiż, €2.1 miljun ġew ibbenefikati sabiex id-dipartiment jibdel sistema li kienet ilha tiġi wżata għal 10 snin, ma' waħda aktar moderna u effiċjenti. Bla dubju, din is-sistema hekk moderna hija waħda li għandha l-kapaċità tiġi aġġornata f'Automated Biometric Identification System (ABIS), hija konformi mal-ISO/IEC17025 standard u li hija f' konformità ma' regolamenti u l-karatteristiċi tal–Prüm Treaty. Għaldaqstant, software ġdid ġie kreat għal użu speċifiku tad-dipartiment u li ġie installat fuq numru ta' tagħmir mixtri għall-istess għan. Barra minn hekk, ġew mixtrija għaxar livescans, li ġew installati fl-għases ta' Raħal Ġdid, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, tas-Sliema, Birkirkara, il-Qawra u r-Rabat Għawdex. It-tlieta l-oħra ġew installati fl-FCID, fil-Lock-Up u ġewwa l-FSL.

Marbut ma' dan kollu, kien hemm ukoll taħriġ intensiv li ngħata lill-uffiċjali tat-taqsima mill-kuntrattur stess, sabiex ikunu jistgħu iħaddmu s-sistema b'kunfidenza u jakkwistaw riżultati tajbin u kif mistħoqq. Sar ukoll taħriġ lill-uffiċjali tal-għases, f'forma ta' train-the-trainer relatat mal-użu ta' livescans.

Dan il-proġett ġie implimentat fi 12–il xahar u laħaq il-miri kollha tiegħu b'suċċess f'Marzu ta' din is-sena.

**Internal Security Fund 2014 – 2020**
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
**Sustainable Management of Internal Security**



# Trobbija Pożittiva

Employee Support Programme Unit

It-trobbija hija diffiċli. Li tkun ġenitur u uffiċjal tal-pulizija hija iktar ikkumplikata. Dan għaliex trid tissielet mal-isfidi fl-istadji u l-etajiet differenti tat-trobbija tat-tfal, kif ukoll mal-isfidi u l-esiġenzi tax-xogħol.

Barra minn hekk, ix-xogħol ta' pulizija jesponik għal ħafna negattività u trawmi li nistgħu niffaċċjaw fil-ħajja u bħala ġenitur dan jista' jnissel aktar ansjetà dwar sitwazzjonijiet li jista' jkollhom jiffaċċjaw it-tfal tiegħek huma u jikbru. Dan jista' jwassal biex inti tkun protettiv iżżejjed u/jew stretta ħafna fil-mod tiegħek ta' dixxiplina. L-ansjetà li tqajjem tista' wkoll tiżdied hekk kif it-tfal jikbru. Matul il-fażi tal-adolexxenza, xi drabi l-biża' tiżdied peress li ma rridux li wliedna jidħlu fl-inkwiet speċjalment bil-liġi.

**Xi punti għall-ġenituri kollha biex jaħsbu dwarhom**

• Tiffokax fuq ix-xogħol u tinsa lil min għandek id-dar: Waħda mill-aqwa affarijiet li tista' tagħmel għat-tfal tiegħek hija li tkun preżenti b'mod attiv. Ix-xogħol tal-pulizija jieħu ħafna ħin u enerġija, għalhekk importanti nippjanaw l-ħin b'mod proattiv mal-familja, żomm il-wegħdiet tiegħek, u kun żgur li t-tfal tiegħek jafu li huma aktar importanti.

• Timminimizzawx it-thewdin tagħhom: It-trawmi u l-isfidi li tiffaċċja waqt ix-xogħol tiegħek jistgħu jġegħluk tipperċepixxi l-inkwiet ta' wliedek li ma huwa xejn. Iżda huwa importanti li ma nimminimizzawx is-sentimenti ta' diżappunt li jkunu qed jesperjenzaw. Jekk dawn l-esperjenzi huma sinifikanti għalihom, għandhom ikunu importanti għalik ukoll.

• Miri għoljin li ma jintlaħqux: Kulħadd irid l-aħjar għall-ulied, u huwa importanti li tgħallimhom jistabbilixxu miri minn età żgħira. Madankollu, xi drabi nistgħu nistabbilixxu miri tant għoljin li t-tfal jispiċċaw iħossuhom ħażin u possibilment jaraw lilhom infushom bħala falliment meta ma jilħqux il-miri tagħkom bħala ġenituri.

• L-esperjenzi tax-xogħol jistgħu jkunu għodda ta' tagħlim: Xi drabi nkennu t-tfal wisq u ċerti suġġetti sfortunatament għadhom tabù. Madankollu, komunikazzjoni miftuħa speċjalment ma' adoloxxenti u żgħażagħ dwar is-sitwazzjonijiet li niltaqgħu magħhom matul ix-xogħol tagħna ta' kuljum tista' tgħallem lil uliedna x'inhu t-tajjeb u l-ħażin. Importanti iżda li ma ċċanfarhomx billi tgħid stqarrijiet bħal "ara qatt ma naqbdek tagħmel hekk", għax titlef l-iskop tal-konversazzjoni.



Ħafna drabi għandna t-tendenza li nġibu ruħna bl-istess mod kemm fid-dar kif ukoll fil-post tax-xogħol. Għalhekk, inti tista' ssib ruħek bħala pulizija ma' tal-familja tiegħek stess, billi tikkritika u tikkontrolla żżejjed. Dan huwa raġunat imma, madankollu, huwa importanti li tieqaf ftit u tirrifletti fuq l-istil tat-trobbija li qed taddotta u tagħmel xi bidliet meħtieġa. Staqsi lil uliedek għal suġġerimenti, immudella l-imġieba li trid tara fihom, stenna li jkunu ċittadini tajbin, u ssir tafhom bħala nies, mhux biss bħala wliedek.


GODWIN'S GARAGE
ALL SPECIFICATIONS FOR YOU TO CHOOSE FROM
Godwin's Garage is the largest vehicle rentals and leasing company in Malta with more than 400 commercial vehicles, scissor lifts, platforms, boom lifts and cherry pickers
Tel: (356) 2137 7007 / 2142 4771 /1/2/3
Mobile: (356) 9949 2584 / 7947 8990 / 7944 4915
www.godwinsgarage.com
email: godwin@godwinsgarage.com


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels · Domestic · Industrial · Farms · Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Excellent quality products
Flexible credit terms
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & L.P.G SUPPLIER
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com


R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
LOOKING FOR HIGHEST QUALITY IN BUILDING MATERIALS?
THEN LOOK NO FURTHER...R.A&SONS ALWAYS BRINGING YOU THE BEST.
SCAN ME
Racem
PREMIXED CEMENT BASED PLASTER
R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
info@rasonsltd.com
sales@rasonsltd.com
www.rasonsltd.com
Gruwa Street, Xewkija XWK 2903 Gozo, Malta
(+356) 2155 6722 | 7950 5040
Warehouse N° 23, Hardrocks Industrial Park, Burmarrad NXR 6345, Malta
(+356) 2155 9369 | 7950 5041



ATTRANS
International Transport
Groupage & Full load Movements, Freight Forwarding, Temperature Controlled Logistics, Car Transport Services & Warehousing.
Offered to and from any European Destination, Asia & North Africa.
attrans.com
DAF
OFFICES IN MALTA - ITALY - THE NETHERLANDS - SLOVENIA
Attrans Limited.
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 9018, Malta.
Tel: +356 2258 5500
Email: info@attrans.com
facebook.com/attrans
attrans.com




medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
garminmalta.com
GARMIN
DriveSmart 76 MT-D




JB SOROTTO
EST. 1877
jbsorotto.com.mt
A Maritime service by maritime people.
Steadfast for your business since 1877.
Ship Registration • Agency Services • Maritime Services
BIMCO
J.B. Sorotto Limited is authorised to act as a Company Service Provider by the Malta Financial Services Authority.

Minn Steve Spiteri
– Viċi President



# Ftehim settorjali ġdid

Merħba kollegi u ħbieb. Hawn ħa ssibu l-ewwel artiklu mingħand il-Police Officers Union għal din is-sena 2023.

Din is-sena ħa tkun ħafna iktar impenjattiva peress li din is-sena timmarka l-ħames sena mill-iffirmar tal-ftehim settorjali, fil-15 ta' Ottubru 2023 biex inkun eżatt. Ix-xogħol għall-ftehim ma bediex jew ħa jibda din is-sena, iżda beda minn xhur ilu internament fil-union. Inħarsu 'l quddiem għal ftehim ieħor biex inkomplu intejbu l-kundizzjonijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Il-Union tagħmel ħafna xogħol. Ikun hemm dak li jidher, iżda jkun hemm ħafna iktar xogħol li ma jidhirx, sfortunatament għad hawn min jaħsibha differenti. Dan il-ħsieb, nitkellem b'esperjenza, jinbidel sempliċiment anke meta nirċievu talba li hemm bżonn li nagħtu spjegazzjoni fuq xi każ.

Li ma tkunx voċiferu dejjem bħala union ma jfissirx li ma tkunx tajjeb jew li toqgħod lura. Nemmnu ħafna bid-djalogu u li nagħtu soluzzjoni għal kull problema, kemm jista' jkun. Sfidi ma jsolvu xejn, però meta kien hemm il-bżonn sabbatna saqajn, bħalma tafu ħriġna direttivi wkoll u nerġgħu nagħmluha kull meta jkun hemm il-bżonn.

Xi ħaġa li kienet qed iddejjaq ħafna nies fis-supplimentary duty, kienet li Distretti 6, 7 u 11 kienu mniżżla bħala għażla waħda meta titlob għas-supplementary. Din is-sitwazzjoni waslet għal diversi ilmenti mill-membri tagħna, minħabba l-mod ta' kif qegħdin imqassmin. Ftit qabel ma nkiteb dan l-artiklu ġejna infurmati li Distrett 11 mhuwiex se jibqa' jagħmel parti mill-11-il distrett.



Infakkarkom ukoll li tistgħu tkunu membri fil-Police Officers Union għal €3.85 fix-xahar biss. Għal aktar informazzjoni nitolbukom tagħmlu kuntatt magħna fuq 7901 0777, tibagħtu email fuq policeofficersunion@gmail.com jew iżżuru l-uffiċju tagħna l-Furjana, maġenb il-garaxx tal-Pulizija.

Din id-darba xtaqt nieħu l-opportunità biex niftakru fil-kollegi li jkunu għaddejjin minn żmien mhux daqshekk faċli, minħabba diversi raġunijiet fosthom mard u stress. Illum hawn l-għajnuna u mhux tal-mistħija li tfittxuha. Il-Bambin magħkom u mal-familji tagħkom.

# Apprezzamenti

## mingħand il-komunità




• Two days ago Me, my mum, my sister and my 4 day old baby were on the way to the hospital for my daughter's first hospital appointment. We were involved in a car accident where a car hit us from behind. You can imagine how panicked and scared I was since I had my 4 day old baby girl with me.

I can never stop thanking enough for their professional work:-
Ps 2145 Graziella Camilleri
Pc 57 Matthew Buhagiar
Pc 1319 Matthew Xuereb
They calmed us down and also took me and my daughter to hospital and the others helped my mum drive her car back home. They were very helpful and thankfully we are all fine now and back home.

• Last week I broken down in my classic car on tal-barrani road. Luckly behind were PC 16 and PC 872, who in no time jumped out of their car and came to push me on to a safe side street. I like to thanks them, and all the Police force for the hard work you face.

• Hello... I would really like to praise Police Sergeant 233 D. Vassallo and his team for their great work! He did his job professionally and as it should! I really appreciate the calm manner with which he handled the situation!
Kindly share my appreciation with him!

• Nixtieq nirringrazzja lill PC 2299 u PC 1515 li kienu fil-vettura (number plate 647) li lbierah ghall-habta tal-11.30am inqbadna go traffiku kbir il-Marsa direzzjoni lejn Mater Dei, indunaw li kienet emergenza u eskortawna biex b'hekk wasalna l-emergenza f'qasir hin u baqghu hemm sakemm rawni li dhalt gewwa.
Prosit tal-gest nobli u grazzi minn qalbi.

• Hearthfelt thanks to PC 16 (E. Zammit) and PC 789 (M. Said) who were absolutely amazing and caring last Sunday. They happened to be on foot patrol in Hughes Hallett Street in Sliema while we were having difficulty in getting my mother, who at present cannot walk, into the car to go to hospital. They immediately came to help and very gently helped my mother into the car while speaking to her and assuring her that all will be fine. They were truly a godsend as I don't know what we would have done without them. They even came by later on and asked my aunt how my mother was doing! Your service was invaluable! I personally thank you very much for your service. Keep up the good work and God bless you!


carini
Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road St. Venera
tel: 21440202
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


YOUR PARTNER IN CONSTRUCTION
JCR
IMPORTS LIMITED
info@jcrimports.com.mt
www.jcrimports.com.mt


PINCOTT
SECURITY
Established 1972
Address: 185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta.
Tel: 21330200 / 21311683
Fax: 21343908
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com

# Swaey Bros Ltd
Malta

Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.




- Crane Fleet ranging from 25 to 200tons
- Specializing in Boat Lifting & Transport
- Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
- Safe Load Indicator installations
- Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
- Repairs on all types of Hydraulic Equipment
- Mobile Machinery Sales
- Wide range of Lifting belts, Chain slings,
- Wire ropes and Accessories.

1, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4891
Tel: +356 21416163 / 21433380
Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.
www.swaey.com email: swaey@swaey.com

# fgp *The Garage Door People*









FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.

**FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8**
**Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt**



# Paġna Sportiva



Minn Ps794
Gilbert Lia

**COP FOOTBALL CUP 2022**



Nhar it-23 ta' Diċembru ġewwa l-Pietà Futbol Ground, intlagħbet il-partita annwali bejn il-High Ranking Officers kontra l-Other Ranks Officers fejn għal din is-sena, it-team tal-Other Ranks rebaħ din l-edizzjoni tal-COP Cup. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ipparteċipa sabiex tintlagħab din il-logħba ta' ħbiberija iżda xorta f'ambitu ta' kompetizzjoni.

**POLRUN 2022**

Nhar is-26 ta' Diċembru, il-Kumitat Sportiv organizza l-ġirja Polrun, li bħala avveniment sar wieħed mistenni minn diversi parteċipanti, u f'din l-edizzjoni ħadu sehem aktar minn 150 ruħ. Ir-rotta ta' din il-ġirja hija ferm sabiħa, peress li ssir fi Triq il-Kosta, ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u twila ħames kilometri. Bħal kull edizzjoni, il-flus li jitħallsu għall-parteċipazzjoni jmorru għall-Community Chest Fund, u din is-sena nġabret is-somma sabiħa ta' €2,000 (elfejn ewro). Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħa ħsieb sabiex jiġi organizzat dan l-avveniment.



**ĦATRA ĠDIDA FIL-KUMITAT SPORTIV**

Il-Kumitat Sportiv għal din is-sena l-ġdida ra tibdil intern wara t-tluq ta' żewġ membri li kienu parti minn dan il-kumitat, ċioè l-President l-ex Supretendent Victor Aquilina kif ukoll l-Ispettur Raymond Azzopardi. B'hekk saret ħatra ġdida fi ħdan dan il-Kumitat fejn il-President il-ġdid ser ikun l-Ispettur Malcom Sammut. Minn hawn, il-membri ta' dan il-kumitat jawguraw lis-Sur Sammut kull risq għal din il-ħatra kif ukoll jirringrazzjaw lis-Sur Aquilina u lis-Sur Azzopardi tal-ħidma li taw f'dan il-kumitat.

# International Police Association

## Section Malta



Janet Zammit
-IPA Vice-President

## The Arthur Troop Scholarship and IBZ Gimborn

The Arthur Troop Scholarship (ATS), as a legacy to the International Police Association's (IPA) founder, is a professional education and advanced training bursary, with the aim of aiding IPA members in their professional careers.



Every year serving IPA members are invited to submit their application to their National Section to be in with the chance of receiving a scholarship of up to €2500 to be used for a seminar or training option of their choosing. Many of the awardees opt to attend a seminar from the wide range on offers at the IPA's Education Centre – IBZ Gimborn in Germany.

Throughout the years the IPA Malta Section had been awarded the ATS twice. The last time the scholarship was awarded to the Maltese Section was in 2019. The awardees are announced at the yearly IPA World Congress. The first time, the scholarship was awarded to Mark Camilleri and the latter to Janet Zammit. Both serving members chose courses at IBZ Gimborn, mainly the ASP Instructor's course and Cyber Crime courses respectively.

The submission for the ATS 2024 award is now open. One can access the site through the following link: https://forms.gle/ATS Online Application Form. The forms need to be submitted through IPA Section Malta for approval, prior to submitting to the International Section.



The IBZ Gimborn offers courses to all Police Serving and Non-Serving Members at a fair price. The Arthur Troop Scholarship on the other hand, is awarded to serving members. Those IPA members who are interested in joining a course are encouraged to apply through the IPA Malta Section.

The list of courses at IBZ Gimborn for 2023 can be accessed through the link: www.ibz-gimborn.de For further information, do not hesitate to contact the IPA Malta Section on email: ipamalta@gmail.com



Kee Klamp
STRUCTURAL FITTINGS
for 1001 uses
Kee Klamp jointed Tubular Construction
Kee Klamp jointed Storage Racking
Kee Klamp jointed Guard Railing
Kee Guard Roof Edge Protection
Hiring of KEE KLAMP jointed Mobile Access Towers, Trusses, Staging, Event Structures, Platforms, Hoarding, Spectator Grandstands, etc.
www.keesafety.co.uk
JOSEPH F. SPITERI & CO. (1927) LTD.
ENGINEERS & CONTRACTORS
121, Marina Street, Pieta' PTA 9043 E-mail: ozzi@jfspiteri.com.mt
Tel: 21 24 66 70 Mob: 99 49 05 38
FORGECO
SCAFFOLDING COUPLERS
www.forgeco.co.uk
Revvo
Scaffold Castors
www.revvo.co.uk




BALLUT BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC
Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd
www.ballutblocks.com

# Malta Association of Retired Police Officers



Minn Martin Pace
– Assistent Segretarju

## L-arti minn taħt idejn Joseph Navarro - ikompli mill-ħarġa ta' Settembru

### IL-PINNA U L-INKA SKOLA ANTIKA.

Kienet esperjenza għalija unika, li nidħol fis-sanctun sanctorum ta' seħibna Joe Navarro. Ingħatajna dawra fuq il-ħajja artistika, fejn Joe jwelled l-arti b'reqqa liema bħalha, f'ambjent nadif tazza, u wara dawra oħra fil-gallerija Mater Grazia, il-mużew personali ta' seħbina, li tant iżomm b'għożża.

Attenda kors ta' 5 snin fl-iskola tal-arti fi Triq San Pawl, Valletta. Joseph iħobb dak kollu li huwa Malti u jaffaxxina ruħu u jispira fl-arkitettura sinjura ta' pajjiżna. Patrimonju li bi ftit ftit qed jgħib. Huwa ta' ħasra, li qed nitilfu dak li ħallewna l-ġenerezzjoni preċedenti, u l-arkitetti tal-lum qajla jagħmlu sforz sabiex tal-inqas, il-faċċati ma jkunux għerwiena, imma jdaħħlu aktar saljaturi sabiex jagħtu ruħ il-binja Maltija.

Mistoqsi għaliex ma jidhrux persunaġġi fl-inkwatri tiegħu, Joe qal il-preżenza tan-nies ta' snajja' hija prodotta fil-ħila tagħhom fl-għamla tal-binja jew suġġetti oħra li jkun qed jaħdem fuqhom. Allura hemm il-preżenza umana. Jippreferi li s-suġġetti artistiċi jagħżilhom huwa stess. Ta' interess huwa li kull tila hija siġillata fiċ-ċera bl-inizjali personali tiegħu JN.

Riċentement Joseph kien il-mistieden tal-programm televiżiv Il-Kollezjonista, tella' diversi wirjiet f'pajjiżna u għandu xogħol fil-sala permanenti tal-arti fil-Ġordan. Dan seħħ meta membru tal-familja Rjali Ġordaniża, f'Malta, għażlet xogħol minn tiegħu u issa tinsab għal wiri f'pajjiżha. Hawn Joseph sellem l-għalliema tiegħu tal-arti, is-Sinjuri Antoine Calleja u Charles Cassar li għallmuh il-mudellatura u disinn. Joseph huwa kollezzjonista tal-għodda li juża' l-artist, hu jagħmel ħiltu kollu sabiex jippreserva dawn l-oġġetti. Tkun l-hena tiegħu li jerġa' jagħtihom il-ħajja u ma jintilfux.



Mingħajr dubju nsibulu diversi EASELS, frames tal-injam li titpoġġa t-tila fuqu fejn tintuża mil-artist sabiex jaħdem jew jesponi l-pittura. Ta' min isemmi li Joseph Navarro kien li ddisinja l-monumenti li hemm int u dieħel id-Depot u dak fuq l-oqbra tal-Pulizija f'Għawdex. Spiċċajna b'messaġġ sublimi ħafna lejn il-membri tal-korp... "dħalt fil-Korp fqir, għext fil-Korp fqir u spiċċajt mill-Korp fqir, imma nimxi fit-triq ta' sinjur, b'wiċċi lejn id-dawl". Grazzi Joseph Navarro.

**Nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar, 2023** iltqajna fil-Kwartieri sabiex niltaqgħu bħala familja waħda. Nirringrazzjaw lill-Kummissarju li nżammet din l-attività. Is-Segretarju, is-Sur Raymond Zammit, kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti, is-Sur Emanuel Psaila sabiex niddiskutu suġġetti ta' importanza għall-membri tagħna fosthom il-midalja għal-servizz twil u effiċjenti u l-ftehim kollettiv settorjali.

**Dfin fl-oqbra tal-Korp:** Qed ikun hemm diskussjonijiet sabiex dan is-suġġett jiġi kjarifikat u l-aktar ma jiġix żmien li ma jibqax sostenibbli. Hemm diskussjoni sabiex kemm jista' jkun, dan is-servizz jibqa' u mhux insibu diffikultajiet finanzjarji maż-żmien li ġej. Bħalissa qed tintalab is-somma ta' €150 meta xi qraba jitolbu dfin tal-għeżież eks membri tal-korp (dawk eliġibbli) li hi r-rata li qed titlob il-kumpanija privata li, minn żmien għal żmien, tmexxi ċ-ċimiterju tal-Addolorata.

**Avviżi**: Menswalità €5. Ġentilment nitolbu lill-membri tagħna jattendu kull nhar ta' Tnejn fejn ikun hemm il-kaxxier is-Sur Joseph Borda, Revolut jew BOV Mobile fuq 9945 9583. Tibagħtux ċekkijiet ta' inqas minn €20 għax ma jiġux onorati mill-banek. €25 tkopri l-menswalità sa 5 snin. Money orders mhux aċċettati minħabba spejjeż involuti. Posta: MARPO. PO Box 36 B'kara.

**Laqgħa Annwali MARPO nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2023 fid-9.30am il-Menqa.**






# Obitwarju



**Ex PC 1323**
**Francis Camilleri**
1946 – 2023
1970 – 2007



**Ex PS 81**
**Carmelo Gauci**
1945 - 2022
1965 - 1991



**Ex PC 668**
**Lawrence Zammit**
1947 – 2022
1966 – 1992



**Ex PC 674 & PC 210**
**John Muscat**
1964 – 2023
1982 – 2010
2013 - 2014



**Ex PC 374**
**Noel Fabri**
1948 – 2022
1970 – 2009



**Ex PC 1001**
**Carmelo Sciberras**
1933– 2022
1957 – 1980



**Ex PC 1316**
**Carmelo Saliba**
1948 – 2022
1970 - 1996



**Ex PC 33 & Ex RPC 3065**
**Anthony Chircop**
1954 – 2023
1984 – 2010
2014 - 2015



**Ex PC 383**
**Joseph Desira**
**1955 – 2023**
**1976 - 1982**



**Ex PC 239**
**Charles Derek Fero**
**1960 – 2023**
**1982 - 1988**


furninova®
Swedish Comfort
SATARIANO
122, Msida Valley Road, B'Kara
satariano.com





# Trust your cargo with US.

Whatever the logistics risks,
we have all the expertise to manage them.
We make sure that through our
**excellence**, **experience** and **expertise**,
your cargo is delivered safely from anywhere to wherever.

This is why **We Deliver Trust**

Road | Rail | Ocean | Air

EXPRESS TRAILERS
*Delivering Trust*

**expressgroup**.com